**18 ta' April, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Ġanna Pullicino

**Sptar tal-Mard tal-Moħħ — Inkapaċità Mentali — Appell.**

*Deċiżjoni li biha l-imputat jiġi rimess fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ hija appellabbli.*

*Id-dikjarazzjoni ta' persuna fis-sens li hija pronta titlaq ix-xogħol tagħha sabiex tkun tista' tissorvelja kontinwament lill-persuna dikjarata marida mentalment, u nkapaċi u irresponsabbli quddiem il-liġi, hija estranea għall-indaġini ġudizzjarja dwar is-sanità o meno u għall-mezzi legali ta'*

*dik l-indaġini meta tiġi aċċertata l-insanità mentali. Tista' talvolta, dikjarazzjoni simili, tkun materja ta' konsiderazzjoni in vija amministrattiva, dipendentement dejjem mill-pariri tat-tobba.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputata, talli f'Cospicua, fil-21 ta' Marzu 1958, f'xi t-3 p.m., kienet fis-sakra fit-triq b'mod li ma kienetx kapaċi tieħu kura tagħha nnifisha;

Rat il-provvediment ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Frar 1959, li bih, wara li rat ir-relazzjoni tal-esperti, ordnat li l-imputata tiġi miżmuma l-Isptar tal-Mard tal-Moħħ taħt kustodja rigoruża, u ordnat ukoll li kopja tad-digriet tiġi mibgħuta lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur fit-termini tal-liġi;

Rat ir-rikors tal-imputata. li bih appellat mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talbet li tiġi revokata, u li hi tiġi wkoll assolta mill-imputazzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Hu spedjenti li jingħad, qabel xejn, li deċiżjoni simili, li biha l-imputat jiġi rimess fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, hi appellabbli, skond l-"interpretatio fori" ormaj paċifika (ara Appell Kriminali "Pulizija vs. Bezzina", 16.4.1913, u Appell Kriminali "Pulizija vs. Cassar", 10.6.1939);

Fil-meritu tal-appell, ikkunsidrat;

Fuq talba tad-difiża, u anki sabiex il-Qorti tikkjarixxi xi punti, it-tliet periti aljenisti reġgħu nstemgħu, u kkonfermaw bi spjegazzjonijiet eżawrjenti u soddisfaċenti l-konklużjoni ġa raġġunta fir-rapport tagħhom, illi ċjoè l-imputata hija talment anormali in kwantu li hija bniedma ta' personalità psikopatika, u li din hija marda mentali li tirrendiha inkapaċi u irresponsabbli quddiem il-liġi;

Id-domandi tad-difiża bl-ebda mod ma skwotew din il-konklużjoni; anzi bir-risposti tagħhom il-periti komplew assodaw ir-rifert tagħhom;

Kwantu għal dik il-parti tar-rikors tal-appell fejn jingħad li t-tifla l-kbira tal-imputata hi pronta tħalli x-xogħol tagħha sabiex tkun tista' tissorvelja kontinwament lill-ommha, din iċ-ċirkustanza hi estranea għall-indaġini ġudizzjarja dwar is-sanità mentali o meno, u għall-konsegwenzi legali ta' dik l-indaġini meta tiġi aċċertata l-insanità mentali. Tista', talvolta, ċirkustanza simili tkun materja ta' konsiderazzjoni tal-każ in vija amministrattiva, dipendentement dejjem mill-pariri tat-tobba;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma l-provvediment mogħti mill-Ewwel Qorti, kompriż l-ordni tal-kommunikazzjoni tiegħu lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur a norma tal-art. 619 Kap. 12, kif magħmul applikabbli għal dawn il-proċeduri bl-art. 519(3) idem.